# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tat-tnax il-laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 23 ta' Gunju 2011 fil-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard<br>Is-Sur Tony Formosa<br>Is-Sinjura Helen Montebello<br>Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami (Skuzat) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghat-tlettax il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti s-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## 1. Talba

Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kien hemm l-ebda Korrezzjoni imqajjma mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys ghal minuti numru 12.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 12

Il-minuti tatl-tnax il- laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjura Helen Montebello.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal hu u s-segretarju kellhom laqgha mas-Sinjura Catherine Brincat u s-sinjura Isabelle Farrugia fill-Ministeru tal-Onor. Mario Galea. Ic-Chairperson spjega lil dawn is-sinjuri li hemm binja bin numru 276 gewwa Fleur-de-Lys li kienet ghall-kiri. Huwa qal li ghandu l-pjanti ta'din il-propjeta f'idejh u staqsa jekk hux possibli li din tintuza bhala night shelter. Is-sinjura Catherine Brincat spjegat li l-kuncett ta night shelter jilhaq l-ghan tieghu meta dan ikun gewwa post bhal nghidu ahna kunvent fil-lokalita. Dan jassigura li jkun hemm presenza ta' xi hadd li jiehu hsieb u ghalhekk jonqsu l-ispejjes. Hija qalet li l-Gvern jghin finanzjarjament fi spejjes ta' bjankerija, televisions, ghamara u affarijiet ohra. Huwa jiehu hsieb ukoll il-maintenance ta' dik il-parti li tkun qed tintuza ghal dan l-iskop. Il-pubbliku li jaghmel uzu minn dawn il-facilitajiet ihallas Euros 2 kull lejl u jrid ihalli il-post mal-ghaxra ta' filghodu. Dan il-post jinkludi breakfast zghir. Ghalhekk is-segretarju intalab biex jikteb lil-kunventi gewwa Fleur-de-Lys biex issir laqgha halli dan jigi diskuss.

4.2 Rigward il-kwistjoni tal-arbli tad-dawl il-membru s-Sur Antoine Attard qal li dan baqa ma' sar xejn. Qal li problema wahda hija li ir-residenti ma' jridux 'wires' jehlu mall-faccata u ghalhekk hemm arbli li ma jistghux jitnehhew.

4.3 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa spjega li ghandha ssir laqgha fejn ghandhom ikunu prezenti Is-sindku Michael Fenech Adami, ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa kif ukoll is-Sur Horace Anastasi. F'din il-laqgha ghandu jigi diskuss dan il-progett originali biex hekk jista jibda dan il-progett. Hawnhekk ic-Chairperson gab zewg e-mails li s-Sur Horace Anastasi kiteb lill-provincjal dwar ir-roundabout. Ic-chairperson qal li din tinsab fil-periferija ta' Santa Venera u Fleur-de-Lys.

4.4 Dwar it-tabelli tat-traffiku ta' hdejn l-iskola ta' Santa Monika c-Chairperson qal li s-sitwazzjoni issa giet ghan normal. Dwar din iz-zona huwa qal li ghandu laqgha mal-MRRA rigward l-embellishment tat-traffic island li tinsab quddiem l-iskola.

4.5 Dwar il-kwistjoni tal-Konica, c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li l-affarijiet komplew jikkomplikaw ruhhom peress li hemm xi tilwim familjari fil-management ta' din l-intrapriza. Is-segretarju qal li ghadu qed jistenna in-'no objection' mill-Lands Department.

4.6 Ic-Chairperson ghamel diskussjoni qasira dwar l-ilmenti li ssemmew fil-laqgha generali pubblika. Dawn jinstabu fil-minuti ta' din il-laqgha.

4.7 Kemm is-Sur Anthony Formosa kif ukoll is-Sur Antoine Attard qalu li huma tal-fehma li s-segretarju mhux ilahhaq bix-xoghol tieghu u jahsbu li mhux qed jaghmel bizzejjed ghal-kumitat ta' Fleur-de-Lys. Huma staqsew jekk hux possibbli li xi hadd mill-istaff tal-Kunsill ta' Birkirkara jistax jiehu hsieb il-'follow ups' ta' dawn l-ilmenti. Is-segretarju qal li huwa jirraporta kull ilment li jidhol u dan tirrapurtah is-Sinjura Dorrianne Pullicino. Huwa zied jghid li din hija impjegata tal-kunsill li turi hafna nteress f'xogholha u tahdem b'dedikazzjoni kbira. Is-segretarju kompla jghid li l-problema hija li hafna mid-dipartiment koncernati, ghal xi raguni jew ohra ma jiehdux azzjoni fuq l-ilmenti irrapportati. Huwa zbal li jintefa dell ikrah kemm fuq is-segretarju kif ukoll fuq l-impjegati tal-kunsill. Ghall-mistoqsija jekk il-kumitat jistax

ikollu lil xi hadd mill-kunsill ta' Birkirkara biex jaghmel dawn il-follow ups, is-segretarju qal li huwa stess qed jiffaccja problemi ta' nuqqas ta' staff u zgur li dan mhux possibli. Is-segretarju fehem li xi membri kienu qed jinsinwaw li hu mhux qed jaghmel xogholu sew. (Hawnhekk is-segretarju jiddikjara li wasal ghal din il-konkluzjoni wara li sema' 'ir-recording' waqt li kien qed jikteb dawn il-minuti u 'ntqal xi diskors meta huwa ma' kienx fil-kamra, imma kien qed jaghmel xi 'print outs' flimkien mac-chairman f'kamra ohra. Il-membri kollha jafu li kull laqgha tigi irregistrata u 'l-micrphones' jitpoggew fuq il-mejda vizibbli ghal-kulhadd.) B'danakollu is-segretarju huwa tal-fehma li jekk huwa jigi mibdul kif dehret li kienet ix-xewqa ta' xi membri, is-sitwazzjoni kienet xorta se tibqa l-istess. Dan ghaliex l-ilmenti minn naha ta' Fleur-de-Lys ikollhom jibqghu jigu irrapportati ma' dawk ta' Birkirkara u ghalhekk hija il-persuna li tirraporta li setghet tinbidel u mhux is-sistema. Din zgur mhix is-soluzzjoni biex jitnaqqas id-dewmien. Wiehed irid jifhem li Birkirkara huwa l-ikbar Kunsill u ghalhekk in-numru ta' ilmenti huwa kbir fejn kunsilli ohrajn. In-nuqqas ta' rizorsi umani li ghandu l-kunsill tkompli izid din il-problema. Huwa sostna li l-ilmenti mill-Kumitat ta' Fleur-de-Lys dejjem jigu 'rrapportati minnufih u jsiru 'follow ups' kemm jista jkun spissi, imma sfortunatament l-inefficejenza ta' dipartiment ohra qed jitfa dell ikrah fuq il-Kunsill u l-haddiema tieghu. Hawnhekk is-segretarju fakkar lis-sur Antoine Attard li meta hu kien irranga biex is-sur Antoine Attard jiltaqa mas-sur David Bonanno biex jitnehhew xi arbli tad-dawl,ghalkhemm din il-laqgha saret, l-arbli ghadhom hemm sal-gurnata tal-llum. Huwa kompla jghid li dawn huma it-tip ta' problemi li jitfacca kuljum. Is-sur Antoine Attard dejjem jghid li wiehed ghandu jeskala l-azzjoni billi jikteb lil xi hadd f'posizzjoni gholja jew jintuzaw mezzi tal-media.

4.8 Dwar Triq Brighella c-Chairperson qal din ghandha ssir 'one way' fejn wiehed jista jidhol minn naha ta' Fleur-de-Lys imma ma jkunx jista jinzel l-isfel.

4.9 Dwar 'il-boundaries' ic-chairperson qal li ghandha ssir laqgha mal-Onor Chris Said.

4.10 Is-segretarju gie mitlub jikteb lil Bank of Valletta biex jara jekk hux possibbli jibdel l-isem tal-branch li hemm hdejn San Bartholomew Pharmacy minn Santa Venera ghal dak ta' Fleur-de-Lys ghax dan jinsab fi Fleur-de-Lys u mhux Santa Venera.

4.11 Is-sur Antoine Attard qal li Triq l-Indjana kantuniera ma' Triq Fleur-de-Lys iridu jsiru il-yellow lines. Semma ukoll l-ghalqa ta' Peter Blond li fiha hafna hmieg. Semma ukoll il-problema tat-trakkijiet li jzommu t-traffiku waqt li jkunu dehlin biex ihottu x-xoghol.

**5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.**

5.1 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li kellu risposta li Fleur-de-Lys gie accettat mil-MAFA.

5.2 Rigward is-servizz tal-Arriva, ic-chairperson qal li se jitnehhew xi parking spaces faccata tal-Bank of Valletta biex isir 'inter-change'. Sejrin isiru wkoll traffic lights biex taqsam ghal-hdejn il-Head office tal-Bank of Valletta biex wiehed ikun jista jmur lejn ir-Rabat. Is-segretarju pogga fuq il-mejda informazzjoni li gab minn Transport Malta dwar is-schedule u rottot ta' dan is-servizz. U zied jghid li wiehed ghandu jhalli is-servizz jibda ghax tezisti nuqqas ta' informazzjoni kif dan is-servizz ha jopera. Is-Sur Emmanuel Farrugia qal li hu xtaq jghaddi mozzjoni dwar dan biex jassikura li r-residenti ta' Fleur-de-Lys jkollhom servizz u jigu moqdija. Din il-mozzjoni kienet issekondata mic-chairperson is-Sur Ronald Briffa.

5.3 Ic-chairperson staqsa jekk hux possibbli li l-attivita ta' Gieh Fleur-de-Lys ghandiex tinghaqad mal-maratona. Din ghandha ssir fl-ewwel gimgha ta' Ottubru.

5.4 Rigward il-akwadott ic-chairperson qal li qeghdin naghmlu pressjoni mal-MRRA biex jittrangaw xi hsarat li ghandu.

**6. Aggornament**

Il-laqgha spiccat fis-7.30pm u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2011, fil-5.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Ronald Briffa | Is-Sur Arthur Pizzuto |
| Chairperson | Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv |